2023/2892

22.12.2023

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2892

tat-18 ta' Diċembru 2023

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2725 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza li għandhom x'jaqsmu mal-ġidri tan-nagħaġ u mal-ġidri tal-mogħoż f'ċerti Stati Membri

(notifikata bid-dokument C(2023)9109)

(It-testi bil-Grieg u bil-Bulgaru biss huma awtentiċi)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 259(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż huwa marda virali infettiva li taffettwa lill-annimali kaprini u ovini u li jista' jkollha impatt serju fuq il-popolazzjoni tal-annimali kkonċernati u fuq il-profittabbiltà tat-trobbija tal-annimali, u tikkawża tfixkil għall-movimenti tal-kunsinni ta' dawk l-annimali u tal-prodotti tagħhom fl-Unjoni u għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi. Fil-każ ta' tifqigħa ta' dik il-marda fl-annimali kaprini u ovini, hemm riskju serju li tista' tinfirex fi stabbilimenti oħra li jżommu dawk l-annimali.

(2) Fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([2]), il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż huma ddefiniti bħala marda tal-kategorija A. Barra minn hekk, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([3]) jissupplimenta r-regoli għall-kontroll tal-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punti (a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2016/429, u ddefinit bħala mard tal-kategoriji A, B u C fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882. B'mod partikolari, l-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedu l-istabbiliment ta' żona ristretta f'każ ta' tifqigħa ta' marda tal-kategorija A, inkluż il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż, u ċerti miżuri għall-kontroll tal-mard li jridu jiġu applikati fiha. Barra minn hekk, l-Artikolu 21(1) ta' dak ir-Regolament Delegat jipprevedi li ż-żona ristretta għandha tinkludi żona ta' protezzjoni, żona ta' sorveljanza, u jekk ikun meħtieġ, żoni ristretti ulterjuri madwar iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza jew maġenbhom.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2725 ([4]) ġiet adottata fil-qafas tar-Regolament (UE) 2016/429, u tistabbilixxi ċerti miżuri ta' emerġenza wara tifqigħat ikkonfermati tal-ġidri tan-nagħaġ u tal-ġidri tal-mogħoż fil-Bulgarija u fil-Greċja.

(4) B'mod aktar partikolari, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2725 tipprevedi li ż-żoni ristretti li jridu jiġu stabbiliti minn dawk iż-żewġ Stati Membri, wara li jkollhom tifqigħat tal-ġidri tan-nagħaġ u tal-ġidri tal-mogħoż, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, iridu jinkludu mill-inqas iż-żoni elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2725 tistabbilixxi ċerti miżuri li jridu jiġu applikati fiż-żoni ristretti ulterjuri, flimkien mal-miżuri għall-kontroll tal-mard stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2725 tad-29 ta' Novembru 2023 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza li għandhom x'jaqsmu mal-ġidri tan-nagħaġ u mal-ġidri tal-mogħoż f'ċerti Stati Membri u li jħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2067 u (UE) 2023/2470 (ĠU L, 2023/2725, 4.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/2725/oj).

(5) Fil-Bulgarija, ma ġiet irrapportata l-ebda tifqigħa ġdida tal-ġidri tan-nagħaġ u tal-ġidri tal-mogħoż sa mill-konferma ta' tifqigħa waħda fil-provinċja ta' Burgas fis-16 ta' Settembru 2023. B'riżultat ta' dan, iż-żoni ristretti kollha f'dak l-Istat Membru tneħħew mit-30 ta' Novembru 2023.

(6) Mid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2725, il-Greċja nnotifikat lill-Kummissjoni b'żewġ tifqigħat addizzjonali tal-ġidri tan-nagħaġ u tal-ġidri tal-mogħoż fi stabbilimenti fejn kienu jinżammu l-annimali ovini, li jinsabu fl-unità reġjonali ta' Phthiotis, fir-reġjun tal-Greċja Ċentrali. Dawn huma l-ewwel tifqigħat tal-ġidri tan-nagħaġ u tal-ġidri tal-mogħoż irrapportati fir-reġjun tal-Greċja Ċentrali u fil-Greċja kontinentali b'mod ġenerali.

(7) L-awtorità kompetenti tal-Greċja infurmat lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tal-ġidri tan-nagħaġ u tal-ġidri tal-mogħoż fit-territorju tagħha, wara t-tifqigħat reċenti ta' dik il-marda fl-unità reġjonali ta' Phthiotis, u ħadet il-miżuri meħtieġa għall-kontroll tal-mard f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

(8) Biex jiġi evitat kwalunkwe xkiel bla bżonn għall-kummerċ fl-Unjoni u sabiex jiġu evitati ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ minn pajjiżi terzi, jeħtieġ li fil-livell tal-Unjoni, jiġu identifikati malajr iż-żoni ristretti għall-ġidri tan-nagħaġ u għall-ġidri tal-mogħoż, li jinkludu ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, kif ukoll iż-żoni ristretti ulterjuri fil-Greċja b'kollaborazzjoni ma' dak l-Istat Membru. Barra minn hekk, fid-dawl tas-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali, jeħtieġ li jiġu estiżi d-daqs u/jew it-tul ta' żmien ta' dawn iż-żoni, inkluża ż-żona ristretta ulterjuri stabbilita qabel fil-ġżira ta' Lesbos.

(9) Għaldaqstant, iż-żoni identifikati bħala żoni ta' protezzjoni, żoni ta' sorveljanza u żoni ristretti ulterjuri fil-Greċja jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni u jenħtieġ li jiġi stabbilit it-tul ta' żmien ta' dik ir-reġjonalizzazzjoni.

(10) Billi din id-Deċiżjoni tistabbilixxi miżuri identiċi għal dawk diġà stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2725, li l-Bulgarija u l-Greċja qed japplikaw bħalissa, jixraq li din id-Deċiżjoni tapplika f'dawk iż-żewġ Stati Membri rispettivament mill-istess dati bħal dawk elenkati f'dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, fir-rigward taż-żoni elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2725 qabel l-emendi li sarulha b'din id-Deċiżjoni. Madankollu, għaż-żoni mdaħħla fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2725 minħabba l-emendi li saru f'dak l-Anness b'din id-Deċiżjoni, jenħtieġ li din tapplika mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

(11) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fl-Unjoni rigward il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż, jenħtieġ li l-perjodu tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2725 jiġi estiż, u jenħtieġ li japplika sal-15 ta' April 2024.

(12) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni rigward it-tixrid tal-ġidri tan-nagħaġ u tal-ġidri tal-mogħoż, hu importanti li l-emendi li jridu jsiru għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2725, b'din id-Deċiżjoni, japplikaw malajr kemm jista' jkun.

(13) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2725

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2725 hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika:

(a) għaż-żoni elenkati fl-Anness għall-Bulgarija mis-26 ta' Settembru 2023;

(b) għaż-żoni elenkati fl-Anness għar-Reġjun tal-Eġew tat-Tramuntana fil-Greċja mill-31 ta' Ottubru 2023, u għaż-żoni elenkati fl-Anness għar-Reġjun tal-Greċja Ċentrali fil-Greċja mit-18 ta' Diċembru 2023.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-15 ta' April 2024.";

2. l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2725 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija u lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2725, il-Parti 2 li tikkonċerna l-Greċja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2. **IL-GREĊJA**

A. **Żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti madwar it-tifqigħat ikkonfermati**

Reġjun u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretti fil-Greċja kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
Ir-reġjun tal-Greċja Ċentrali GR-CAPRIPOX-2023-00002 GR-CAPRIPOX-2023-00003	Żona ta' protezzjoni: Those parts of the regional unit of Phthiotis, contained within a circle of a radius of 10 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 38.632418, Long. 23.182044 (2023/2); Lat. 38.624906, Long. 23.155387 (2023/3)	14.1.2024
	Żona ta' sorveljanza: Żona ta' sorveljanza li tinkludi ż-żoni li ġejjin: — in the regional unit of Phthiotis, the Municipality of Lokroi; — in the regional unit of Boeotia, the Municipality of Orchomenos.	23.1.2024
	Żona ta' sorveljanza: Those parts of the regional unit of Phthiotis, contained within a circle of a radius of 10 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 38.632418, Long. 23.182044 (2023/2); Lat. 38.624906, Long. 23.155387 (2023/3)	15.1.2024 sa 23.1.2024

B. **Żoni ristretti ulterjuri**

Reġjun	Żoni stabbiliti bħala żoni ristretti ulterjuri fil-Greċja kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
Ir-reġjun tal-Eġew tat-Tramuntana	Żona ristretta ulterjuri li tinkludi t-territorju kollu tal-unità reġjonali ta' Lesbos.	15.3.2024
Ir-reġjun tal-Greċja Ċentrali	Żona ristretta ulterjuri li tinkludi: — the entire territory of the regional unit of Phthiotis; — the entire territory of the regional unit of Boeotia; — in the regional unit of Euboea, the entire territory of the municipality of Chalcis.	15.3.2024"